**2 ta' Diċembru, 1987**

**Imħallef: –**

**Onor. Victor Borg Costanzi LL.D.**

Spetturi Paul Sammut u Charles Galea

*versus*

Edwin Bartolo, Michele *sive* Michael Spiteri, Anthony Spiteri,

Alfred Desira, Alan Mifsud, Anthony Spiteri, Joseph Desira, Salvatore *sive* Silvio Zammit, Giovanni Psaila, Albert Camilleri, John *sive* Ivan Giardina

**Riferenza ta' Kwistjoni Kostituzzjonali lil Prim'Awla tal-Qorti Ċivili – Kompitu ta' Qorti ta' Kumpilazzjoni – Smigħ ta' Xhieda – Dritt ta' l-Avukat Ġenerali illi Jitlob li Jinstemgħu Xhieda Ġodda – Indipendenza tal-Qorti Istruttorja**

*Riferenza ta' kwistjoni dwar il-kostituzzjonalità ta' deċiżjoni dwar xhieda għandha tkun magħmula b'mod illi l-ordni jkun fih b'mod konċiż u ċar il-fatti li jagħtu lok għall-kwistjoni.*

*Wieħed mix-xogħlijiet ta' Qorti ta' kumpilazzjoni huwa li tiġbor il-provi u tikkonservahom għall-futur. Dana l-kompitu l-Qorti taqdih billi tisma' u tnizzel bil-miktub ix-xhieda kollha li tressaq il-Pulizija u dawk li xi minn daqqiet iressaq l-imputat. Il-Qorti ma għandhiex il-poter li tisma' xhieda li s-smigħ tagħhom mhux permess mill-istess liġijiet, ikunu kemm ikunu rilevanti għall-każ u jkunu kemm ikunu ta' interess għall-pulizija jew għall-imputati li jiġu mismugħin.*

*Jekk mill-banda l-oħra s-smigħ ta' dawk ix-xhieda partikolari m'huwiex ipprojbit bil-liġi, il-Qorti istruttorja għandha, bħala regola, tismagħhom.*

*Għalkemm hemm ġurisprudenza illi tgħid illil l-Qorti Istruttorja huwa organu ġudizzarju ġerarkikament mhux superjuri għall-Avukat Ġenerali, dana ma japplikax għal dik il-funzjoni li jeżerċita l-Avukat Ġenerali meta jitlob li jinstemgħu xhieda ġodda fir-rivnju li huwa jagħmel lill-Qorti Istruttorja. Ebda aspett ta' ġerarkija bejn organi ġudizzjarji ma jidħol f'dana l-qasam, anzi ebda "funzjoni ġudizzjarja" ma tkun qiegħda tiġi eżerċitata mill-Avukat Ġenerali meta huwa jagħmel talba bħal din.*

Il-Qorti: –

Rat id-digriet *tal-11 ta' Novembru, 1987* li bih il-kwistjoni dwar il-ksur tad-disposizzjoni ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ġiet irriferita lil dina l-Qorti fil-Ġurisdizzjoni tagħha ta' Qorti Kostituzzjonali għad-deċiżjoni tagħha skond dak li hemm maħsub fl-artikolu 46(3) ta' l-istess Kostituzzjoni ta' Malta; u dana wara li l-imputati kienu ssollevaw quddiem il-Qorti Kriminali tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta l-inkostituzzjonalità tad-deċiżjoni ta' l-istess Qorti li biha ġie *awtorizzat is-smigħ tax-xhieda mitluba mill*-Avukat *Ġenerali fil*-kumpilazzjoni tal-provi li l-istess Qorti kienet qiegħda tagħmel in rigward ta' l-akkużi li saru kontra l-istess imputati, *stante* li dik id-deċiżjoni kienet tmur kontra dak li hemm maħsub fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni;

Rat l-atti tal-Kumpilazzjoni fuq imsemmija;

Semgħet lill-Avukati Joseph Brincat, assistti *mill*-Avukat Joseph Buttigieg għall-imputati, u l-Avukat tar-Repubblika Anzjan Vincent Degaetano għall-Prosekuzzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi, in linea preliminari, l-Avukat Ġenerali tar-Repubblika, issolleva n-nullità tad-digriet tal-11 ta' Novembru, 1987 tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta li bih ġiet riferita l-kwistjoni dwar il-kostituzzjonalità tad-deċiżjoni dwar ix-xhieda fuq imsemmija, lil dina l-Qorti, peress illi, kif ipoġġiha l-istess Avukat Ġenerali "l-ordni ta' riferenza ma tissodisfax ir-rekwiżiti tar-regolament 5 ta' l-Avviż Legali 48 ta' l-1964 li jitlob li l-ordni jkun fih b'mod konċiż u ċar il-fatti li jagħtu lok għall-kwistjoni";

Fil-fehma tal-Qorti l-eċċezzjoni mhix sostenibbli; l-ordni ta' riferenza saret mill-imsemmija Qorti wara li ġew imsemmija l-fatti li, skond id-difiża, ma kinux jippermettu li l-Qorti Inkwirenti tibqa' 'Qorti indipendenti u imparzjali' kif trid il-Kostituzzjoni. F'dan il-każ il-Qorti Inkwirenti kienet ġiet sottomessa għall-'Ordni ta' l-Avukat Ġenerali' u għalhekk dejjem skond id-difiża, ma kellhiex il-fakoltà li teżerċita liberament il-funzjonijiet tagħha ta' Qorti;

Ikkunsidrat illi l-kwistjoni ssollevata mid-difiża ġiet meqjusa mill-Qorti bħala waħda li ma kinitx frivola u vessatorja u għalhekk l-istess kwistjoni ġiet rimessa għall-konsiderazzjoni u deċiżjoni ta' dina l-Qorti kif trid il-Kostituzzjoni ta' Malta;

Ikkunsidrat illi l-fatti li taw lok għall-vertenza tallum kienu dawn li sejrin jissemmew, u ċjoè:

Fl-1 ta' Settembru, 1987 waqt li l-Qorti Kriminali tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta, bħala Qorti ta' Kompilazzjoni, kienet qiegħda tisma' x-xhieda li tressqu quddiemha, id-difensuri ta' l-imputati ddikjaraw li ċertu Toni Schembri, li ġâ kien ta x-xiehda tiegħu quddiem il-Maġistrat, daħal fil-kamra fejn kienu qegħdin ċertu Roger Galea, Raymond Cremona u Alfred Stagno Navarra, imħarrkin biex jixhdu fl-istess kumpilazzjoni u li però kienu għadhom ma tawx ix-xiehda tagħhom. L-istess Schembri kien ġie mwissi mill-Qorti biex ma jikkomunika ma' ebda xhieda oħra u b'danakollu huwa tkellem ma' dawna l-persuni;

Id-difiża għalhekk oġġezzjonat għas-smigħ ta' dawna l-persuni bħala xhieda. Il-prosekuzzjoni nsistiet li x-xhieda jinstemgħu;

B'digriet ta' l-istess ġurnata l-Qorti kkunsidrat illi s-smigħ ta' dawna x-xhieda seta' jkun ta' preġudizzju għad-drittijiet ta' l-imputati u għalhekk ipprojbiet li jinstemgħu;

B'rikors ta' l-4 ta' Settembru, 1987, l-Avukat Ġenerali talab lill-Qorti biex tirrevoka dak id-digriet u tisma' t-tliet xhieda msemmija. Id-difiża opponiet it-talba, u t-talba ta' l-Avukat Ġenerali ġiet miċħuda b'digriet tas-7 ta' Settembru, 1987;

Fid-9 ta' Settembru, 1987, wara li ngħalqet il-Kumpilazzjoni, il-Qorti, peress li dehrilha illi kien hemm provi biżżejjed biex l-imputati jitqiegħdu taħt att ta' akkuża, bagħtet l-atti tal-kumpilazzjoni lill-Avukat Ġenerali kif irid l-artikolu 401 tal-Kodiċi Kriminali;

Fit-12 ta' Ottubru, 1987, l-Avukat Ġenerali rrinvija l-atti tal-kumpilazzjoni lill-Qorti Kriminali tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta, sabiex dina, skond dak li hemm imsemmi fl-artikolu 405 tal-Kodiċi Kriminali, tisma', fost oħrajn lil Roger Galea, Raymond Caruana u Alfred Stagno Navarra 'sabiex jgħidu x'jafu dwar l-akkużi miġjuba mill-pulizija kontra l-imputati';

Id-difiża oġġezzjonat għas-smigħ taghom;

B'digriet ta' l-istess ġurnata l-Qorti ordnat li dawna l-persuni jinstemgħu bħala xhieda bla ħsara għal kull dritt ta' l-imputati li jressqu l-ilmenti tagħhom dwar dawna x-xhieda 'fl-istadju opportun';

Dak in-nhar stess id-difiża rrilevat illi dina d-deċiżjoni tmur kontra dak li hemm maħsub fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta'

Malta u l-Qorti rriferiet il-kwistjoni lil dina l-Qorti skond dak li hemm ipprovdut fl-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

Ikkunsidrat:

Illi wieħed mir-raġunijiet ta' qorti ta' kumpilazzjoni huwa li tiġbor il-provi u tikkonservahom għall-futur. Dana l-kompitu l-Qorti taqdieh billi tisma' u tniżżel bil-miktub ix-xiehda kollha li tressaq il-Pulizija u dawk li xi minn daqqiet iressaq l-imputat;

Il-qadi ta' dan il-kompitu jrid isir skond dak li hemm maħsub u pprovdut fil-Liġijiet tal-Proċedura Kriminali. Il-Qorti għalhekk ma għandhiex il-poter li tisma' xhieda li s-smigħ tagħhom mhux permess mill-istess liġijiet, ikunu kemm ikunu rilevanti għall-każ u jkunu kemm ikunu ta' interess għall-Pulizija jew għall-Imputat li jiġu mismugħin; jekk mill-banda l-oħra s-smigħ ta' dak ix-xhieda partikolari m'huwiex ipprojbit bil-liġi, il-Qorti Istruttorja għandha, bħala regola, tismagħhom;

Fil-każ tallum il-Qorti li kienet qiegħda tiġbor il-provi, u qabel ma waslet biex tiddeċidi jekk kienx hemm raġunijiet biżżejjed biex l-imputati jitqiegħdu taħt att ta' akkuża, għal darba darbtejn kienet ġà ddekretat (digriet dan, li dwar ir-regolarità tiegħu din il-Qorti m'hijiex tippronunzja ruħha) illi x-xiehda ta' Roger Galea, Raymond Cremona, u Alfred Stagno Navarra ma kellhiex tittieħed waqt il-kumpilazzjoni. Dina d-deċiżjoni l-Qorti ħaditha wara li, kif ġà ntqal, wieħed mix-xhieda li kien qiegħed fil-proċess li jiddeponi, waqt li s-seduta kienet sospiża, mar fil-kamra fejn kienu jinstabu t-tlieta min-nies imsemmija u hekk, presumibilment, tkellem fuq il-każ magħhom – ħaġa li l-Qorti kienet ordnatlu li ma kellux jagħmel sa minn qabel ma dan ix-xhud niżel minn fuq il-pedana tax-xhieda;

Id-deċiżjoni tal-Qorti baqgħet torbot fuq il-Pulizija u l-Imputati *għal matul iż-żmien kollu tal-proċediment tal-kumpilazzjoni*. Torbot ukoll idejn l-Avukat Ġenerali meta huwa, wara li ġew mibgħuta *lilu l-attijiet tal-kumpilazzjoni*, u waqt li huwa jkun jeżerċita l-funzjoni tiegħu taħt il-liġi, jiġi biex jitlob li jinstemgħu xhieda ġodda mill-Qorti tal-kumpilazzjoni? Ir-rispota għal dina l-mistoqsija hija fin-negattiv, u l-Avukat Ġenerali ma tilifx il-jedd li **jitlob li jinstemgħu dawna x-xhieda;**

Għalhekk sa ma wasal il-mument li l-Avukat Ġenerali għamel dina t-talba u bagħat l-attijiet tal-kumpilazzjoni lill-Qorti Istruttorja fit-12 ta' Ottubru, 1987, ebda dritt ta' l-imputati ma ġie miksur jew seta' b'hekk jiġi miksur. Kull ma ġara kien li saret talba li, jekk milqugħa mill-Qorti, kienet awtomatikament *tiġi tekwivali għal digriet 'contrario imperio' għal dawk iż-żewġ* digrieti ta' qabel li bihom is-smigħ tax-xhieda ta' dawk it-tlieta min-nies kien ġie pprojbit mill-istess *Qorti Istruttorja*;

Ikkunsidrat:

Illi fil-fehma tal-Qorti l-kliem, "Il-Qorti għandha..... tisma' xhieda ġodda" *mitlubin* bir-rinviju, użat fl-imsemmi artikolu 405 tal-Liġijiet ta' Proċedura Kriminali, ma jfissirx li kull xhud imsemmi jkollu ta' bil-fors jinstema' mill-Qorti. Jista' per eżempju, jintalab is-smigħ ta' xhud li l-liġi ma tippermettix li għandu jinstema', jekk mhux f'ċerti ċirkostanzi, u f'dan il-każ ipotetiku l-Qorti ma għandhiex ċertament timxi skond it-talba *ta' l-Avukat Ġeneralu u tmur kontra dak stess li tipprovdi* l-liġi;

Dana jfisser illi t-talba *magħmula fir-rinviju mhux ta'* bil-fors għandha tiġi esegwita mill-Qorti Istruttorja fil-każ ta' kull xhud li jissemma fir-rinviju. Il-kliem tal-liġi "għandha tisma"

(fit-*test* Ingliż *"shall examine"* u f'dak oriġinal Taljan *"dovrà esaminare")* ma jwassalx sa daqshekk;

Ikkunsidrat:

Mill-mod kif ġie mmotivat id-digriet tal-11 ta' Novembru, 1987, jidher li, tajjeb jew ħażin, il-Qorti waslet għall-konklużjoni li, kienu kemm kienu kuntrarji d-deċiżjonijiet tagħha għal dak li talab l-Avukat Ġenerali fir-rinviju tiegħu lill-Qorti, il-Qorti, bħala organu ġudizzjarju ġerarkikament mhux superjuri għall-Avukat Ġenerali (u dana fuq l-iskorta ta' sentenzi kkwotati fl-istess digriet) ma kellha ebda triq oħra x'tieħu ħlief dik li mponielha l-istess Avukat Ġenerali u ċjoè li tisma' u tirreġistra x-xiehda tat-tliet persuni li ssemmew fir-rinvju; it-talba għas-smigħ tat-tliet xhieda, fil-fehma tal-qorti inkwirenti, kienet tekwivali għall-ordni minn fuq li seta' biss jiġi obdut imma qatt kwistjonat;

Jiġifieri kif ġiet interpretata u mifhuma s-sitwazzjoni mill-istess Qorti Istruttorja, hija ma kellhiex iżjed f'dana l-każ l-attribut ta' indipendenza li għandu jkollu taħt il-liġi imma kellha toqgħod għal dak li tgħidilha awtorità oħra eżerċenti funzjoni ħafna differenti minn dik ta' Qorti Istruttorja;

Huwa veru illi fis-sentenza "Rex *vs* Ebejer *et*" mogħtija mill-Qorti Kriminali tal-Majestà Tiegħu r-Re fl-4 ta' Mejju, 1931, (Vol. XXVIII.IV.8) jingħad illi fil-qadi ta' dmiru taħt dina l-parti tal-liġi, l-Avukat Ġenerali jkun qiegħed jeżerċita *"una funzione giudiziaria organicamente superiore a quella della Corte dei Magistrati come Corte di Criminale Istruzione"* – *dictum* dana li rċieva applikazzjoni diversi drabi fil-qorti ta' kumpilazzjoni (Ara partikolarment l-Attijiet tal-Kumpilazzjoni

fil-każ ta' Dwardu Saliba, finalment maqtugħ mill-Onorabbli Qorti ta' Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju, 1966); dana d-*dictum*, però, għalkemm japplika għal ċerti funzjonijiet li għandu l-Avukat Ġenerali taħt il-liġi, per eżempju, id-deċiżjoni li jinħareġ *nolle prosequi*, dik li l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża jew li jiġi pproċessat mill-Qorti tal-Pulizija Ġudizzjarja bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u oħrajn, ma japplikax għal dik il-funzjoni li jeżerċita l-Avukat Ġenerali meta jitlob li jinstemgħu xhieda ġodda fir-rinviju li huwa jagħmel lill-Qorti Istruttorja. Ebda aspett ta' ġerarkija bejn organi ġudizzjarji ma jidħol f'dana l-qasam; anzi ebda 'funzjoni ġudizzjarja' ma tkun qiegħda tiġi eżerċitata mill-Avukat Ġenerali meta huwa jagħmel talba bħal din;

Ikkonsiderata taħt dana d-dawl id-deċiżjoni illi biha ġiet milqugħa t-talba li jinstemgħu bħala xhieda Roger Galea, Raymond Cremona u Alfred Stagno Navarra bid-digriet tal-11 ta' Novembru, 1987, għandha titqies li ttieħdet mill-Qorti Istruttorja għaliex ma setgħetx tagħmel mod ieħor, u mhux għaliex il-Qorti ħassitha libera li tiddeċidi l-kwistjoni jekk għandhiex tisma' x-xhieda jew le;

Dik il-libertà l-Qorti Istruttorja kellha, imma hija mxiet taħt il-presuppost li ma kellhiex, u għalhekk imxiet bħala Qorti mneżżgħa, f'għajnejha stess, mill-indipendenza li għandu jkollha;

Ikkunsidrat:

Li b'danakollu dina l-Qorti m'hijiex tgħid li t-talba fir-rinviju għandha jew ma għandhiex tiġi milqugħa. Dina d-deċiżjoni għad trid tiġi meħuda wara li l-Qorti Istruttorja tkun eżaminat mill-ġdid il-kwistjoni u tkun qieset lilha nfisha libera

minn ebda imposizzjoni li hija ħasset li kellha taħdem fuqha u li kienet ġejja minn x'imkien ieħor, u wara li s'intendi tkun qieset mill-ġdid il-kwistjoni jekk iċ-ċirkostanzi kellha ta' fatt u ta' liġi dejjem skond dak li trid il-liġi u fil-fehma assoluta tagħha, jiġġustifikawx deċiżjoni kuntrarja għal dik minnha milħuqa fid-digriet tal-11 ta' Novembru, 1987;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-kwistjoni billi, fil-ħin li tiddikjara li d-digriet mogħti mill-Qorti Kriminali tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta bħala Qorti ta' Kumpilazzjoni fil-11 ta' Novembru, 1987 li bih ġiet ordnat is-smigħ ta' l-imsemmija xhieda, ma ġiex mogħti f'ċirkostanzi tali li juru li d-deċiżjoni meħuda mill-Qorti kienet waħda meħuda bl-indipendenza li l-Qorti għandha taħt il-Kosituzzjoni ta' Malta, tħassar l-istess digriet u tordna li l-attijiet tal-kumpilazzjoni u l-proċedimenti kollha relattivi, jiġu, a kura ta' l-Aġent Reġistratur tal-Qrati, mibgħuta lill-imsemmija Qorti Istruttorja ħalli jitkomplew il-proċeduri fid-dawl ta' dan li ntqal, wara li dina s-sentenza tgħaddi in ġudikat.